

Brussell, 4 ta' Diċembru 2017
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0315 (NLE)

15389/17
ADD 1

AELE 87
EEE 57
N 58
ISL 50
FL 39
MI 922
TELECOM 341
DATAPROTECT 206
EJUSTICE 154

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	30 ta' Novembru 2017
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2017) 709 final - ANNEX
Suġġett:	ANNESS tal- Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda fl-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżivi u soċjetà tal-informazzjoni) tal-Ftehim ŻEE

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2017) 709 final - ANNEX.

Mehmuż: COM(2017) 709 final - ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.11.2017
COM(2017) 709 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat
Konġunt taż-ŻEE dwar emenda fl-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi
awdjoviżivi u soċjetà tal-informazzjoni) tal-Ftehim ŻEE**

ANNESS

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru .../2017

ta’

li temenda Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżivi u soċjetà tal-informazzjoni) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (“il-Ftehim ŻEE”), u b’mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE¹ se jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 iħassar id-Direttiva 1999/93/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE u li konsegwentement jenħtieġ li titħassar skont il-Ftehim ŻEE.
- (3) Għalhekk l-Anness XI tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-test tal-punt 51 (id-Direttiva 1999/93/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XI tal-Ftehim ŻEE jinbidel ma’ dan li ġej:

‘**32014 R 0910:** Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73)

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta’ dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

- (a) Fl-Artikolu 14(1), il-kliem “, jew bejn Stat tal-EFTA u l-pajjiż terz inkwistjoni jew organizzazzjoni internazzjonali” għandu jiddaħħal wara l-kliem “Artikolu 218 TFUE”.
- (b) Il-partijiet Kontraenti għandhom iżommu lil xulxin informati fir-rigward tan-negożjati u l-konklużjoni tal-ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 14(1) u, fuq talba, għandhom isiru konsultazzjonijiet fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.
- (c) Kull meta l-Unjoni Ewropea tinneogzja xi ftehim imsemmi fl-Artikolu 14(1), għandha tagħmel l-almu tagħha biex tikseb l-istess trattament għal servizzi fiduċjarji

¹ ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73.

² ĠU L 13, 19.1.2000, p. 12.

kwalifikati pprovduti minn fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati stabbiliti fl-Istati tal-EFTA.

(d) Fl-Artikolu 51, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA:

- (i) fil-paragrafu 3, il-kliem “1 ta’ Lulju 2017” għandhom jinqraw “sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru .../... ta’ ... [din id-deċiżjoni]”;
- (ii) fil-paragrafu 4, il-kliem “mit-2 ta’ Lulju 2017” għandhom jinqraw “sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru .../... ta’ ... [din id-deċiżjoni]”.

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi [...], bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE*.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President*

*Is-Segretarji
tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

* [Ma hemm indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.] [Hemm indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]